

3. It-Tielet Direttiva dwar l-elettriku għandha tiġi interpretata fis-sens li leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tistabbilixxi miżura speċjali li tikkonsisti f'imposta obbligatorja għall-entitajiet irregolati, inklużi d-detenturi ta' liċenzja għall-provvista tal-elettriku maħruġa mill-awtorità regolatorja, stabbilita skont ir-riżultat tagħhom, inkluż dak miksub fuq il-bażi tal-attivitajiet tagħhom barra 'l pajjiż, ma tissodisfax la r-rekwiżiti ta' trasparenza u lanqas dawk ta' nondiskriminazzjoni u ta' aċċess ugwali għall-konsumaturi previsti fl-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva, sa fejn din timponi piż fuq l-entità rregolata u d-dħul li jsir (fuq il-bażi tal-provvista tal-elettriku jew attivitajiet oħra) barra 'l pajjiż, filwaqt li, fir-rigward tad-detentur ta' liċenzja għall-provvista tal-elettriku miksuba fuq il-bażi ta' liċenzja "passport" maħruġa mill-Istat ta' oriġini tiegħu, din toqot biss id-dħul li jsir fir-Repubblika Slovakkja?

<sup>(1)</sup> ĠU 2009, L 211, p. 55.

**Rikors ippreżentat fit-8 ta' Ġunju 2018 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Belġju**  
**(Kawża C-384/18)**

(2018/C 285/48)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: H. Tserepa-Lacombe, L. Malferrari, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju tal-Belġju

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tikkonstata li r-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 25 tad-Direttiva 2006/123/KE <sup>(1)</sup> u taħt l-Artikolu 49 TFUE;
- tikkundanna lir-Renju tal-Belġju għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Billi (i) ipprojbixxa l-eżerċizzju konġunt ta' attivitajiet ta' kontabilista, minn naħa, u ta' attivitajiet ta' broker, ta' aġent tal-assigurazzjoni, ta' aġent tal-proprjetà immobbli jew ta' kwalunkwe attività bankarja jew ta' servizzi finanzjarji, min-naħa l-oħra, u billi (ii) ippermetta lill-Awli tal-Institut professionnel des comptables et Fiscalistes agréés (l-Istitut Professjonali tal-Kontabilisti u tal-Esperti tat-Taxxa awtorizzati) (IPCF) jipprojbixxu l-eżerċizzju konġunt ta' attivitajiet ta' kontabilista, minn naħa, ma' kwalunkwe attività agrikola artiġjanali u kummerċjali, min-naħa l-oħra, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 25 tad-Direttiva 2006/123/KE u tal-Artikolu 49 TFUE.

<sup>(1)</sup> Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, p. 36).

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' Ġunju 2018 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Taljana**  
**(Kawża C-434/18)**

(2018/C 285/49)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Patakia, G. Gattinara, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Taljana

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tikkonstata li, billi ma bagħtix il-programm nazzjonali għal ġestjoni ta' fjuwil nukleari użat u skart radjuattiv lill-Kummissjoni, ir-Repubblika Taljana naqqset milli tissodisfa l-obbligu tagħha skont l-Artikolu 15(4) flimkien mal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom tad-19 ta' Lulju 2011 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għall-ġestjoni responsabbli u sikura ta' fjuwil użat u skart radjuattiv<sup>(1)</sup>.
- tikkundanna lir-Repubblika Taljana għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Artikolu 15(4) flimkien mal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom tad-19 ta' Lulju 2011 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għall-ġestjoni responsabbli u sikura ta' fjuwil użat u skart radjuattiv jistabbilixxi li l-Istati Membri għandhom għall-ewwel darba jinnotifikaw lill-Kummissjoni mill-aktar fis possibbli iżda mhux aktar tard mit-23 ta' Awwissu 2015 bil-kontenut tal-programmi nazzjonali tagħhom li jkopru l-punti kollha msemmija fl-Artikolu 12 ta' dik l-istess direttiva.

Il-Kummissjoni tallega li l-evidenza pprovduta mir-Repubblika Taljana matul l-fażi qabel dik ġudizzjarja turi li l-preżentazzjoni qatt ma tressqet, sa fejn l-awtoritajiet Taljani ma bagħtux ill-Kummissjoni it-test finali tal-programm nazzjonali għall-ġestjoni ta' fjuwil nukleari użat u skart radjuattiv

<sup>(1)</sup> ĠU L 199, p. 48.